# KUNSILL LOKALI MTARFA

## IS-SITT LEĠIŻLATURA
## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL
## LAQGĦA NUMRU 40 – L-ERBGĦA 19 TA' AWWISSU 2015

Il-Kunsill iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill Lokali Mtarfa fis-7:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Daniel John Attard | Sindku |
| | Antoine Vella | Viċi Sindku (wasal fid-9:25pm) |
| | Simon Paul Fenech | Kunsillier |
| | Anthony Mifsud | Kunsillier |
| | Helen Bugeja | Kunsillier |
| | Josette Micallef | Segretarju Eżekuttiv |
| | Jaime Marie Galea | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |

Kien hemm tliet persuni jattendu.

**1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI NRU. 39**

1.1 Il-minuti ntbagħtu minn qabel u għaldaqstant kienu meqjusa moqrija.

1.2 Fuq suġġeriment tal-Kunsilliera Bugeja kien hemm qbil li f'para. 3.7, it-tieni sentenza tiġi taqra: *Is-SE infurmat li hi kienet kellmet lis-sewwieq tal-vann u dan kien infurmaha li l-anzjani kienu talbu li jmorru Ħad Dingli, u preżenta petizzjoni ffirmata mill-anzjani.*

1.3 Il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-SE mingħajr ebda emenda.

**2. PUNTI MILL-MINUTI**

2.1 Is-SE infurmat li kienet saret ordni għal żewġ *air-conditioners* ta' 12BTU għal-librerija skont id-deċiżjoni tal-Kunsill waqt l-aħħar laqgħa.

2.2 Is-SE infurmat li s-Sur Baldacchino kien issuġġerixxa li jitħawlu siġar tal-lewż u ta' Ġuda fil-parti ta' quddiem Binja Ġebel Dwejra għaliex joħolqu effett sabiħ kull meta jkunu qed joħorġu l-fjuri. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni. Is-Sindku għandu jagħmel kuntatt mal-kumitat tal-binja biex japprovaw dan it-taħwil.

2.3 Fir-rigward tal-ħsarat fil-binja, l-avukat tal-kunsill kien issuġġerixxa li l-Kunsill u s-Sapport xorta waħda għandhom jagħmlu claim mal-Awtorità tad-Djar għaliex il-madum maqlugħ mhux kawża ta' nuqqas ta' manutenzjoni min-naħa tal-Kunsill jew is-Sapport iżda probabbli kawża ta' xogħol ħażin. Hija qrat ir-risposta tal-avukat lill-membri tal-Kunsill u għaldaqstant kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jinsisti li x-xogħol tat-tibdil tal-madum isir mill-HA. Sadanittant is-SE infurmat li kienet se tkun qed iġġib kwotazzjoni biex tiġi preżentata lill-HA.

2.4 Is-SE infurmat li dwar para. 3.4, kienet intbagħtet korrispondenza lid-Dipartiment tal-Artijiet imma jidher li din l-art trid tiġi esproprijata għaliex qegħda fuq kirja sas-sena 2069. Kien hemm qbil li s-SE għandha terġa' tagħmel talba sabiex il-Kunsill jiġi mgħarraf min huma l-kerrejja.

2.5 Is-SE infurmat li dwar para. 3.7, kienet għadha ma nħarġitx il-kwotazzjoni tas-servizz tat-trasport.

2.6 Is-SE infurmat li l-Perit kienet għaddiet korrispondenza dwar is-suġġett tal-planters aktar kmieni dik il-ġimgħa però kienet għad ma kellhiex ċans taqra u tevalwa d-dokumentazzjoni kollha. Għaldaqstant kienet se tgħaddi l-informazzjoni fil-laqgħa li jmiss.

**3. KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

3.1 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li kellu xi lmenti minn residenti li joqgħodu f'Binja Qlejgħa li qed itellifhom id-dawl mill-*floodlights* li nstalla l-Kunsill fil-parkeġġi. Għaldaqstant kien hemm qbil li l-*electrician* għandu jangulahom ftit 'l isfel biex ma jtellfux daqstant.

3.2 Is-Sindku informa li resident li joqgħod fi Triq l-Imtarfa kien wassal l-inkwiet tiegħu dwar is-sleeping policeman li hemm quddiemu għaliex meta ma jkunx hemm vetturi pparkjati, il-karozzi qegħdin jersqu viċin ħafna tal-bankina bil-periklu li jtajru lil xi ħadd li jkun għaddej jew bilqiegħda fuq l-istess bankina. Kien hemm qbil li għandha tinħareġ sejħa għal kwotazzjoni pubblika għal *sleeping policemen* u ssir talba lil TM biex din is-*sleeping policeman* tittella' aktar 'il fuq, eżattament f'nofs tul il-ġnien tal-bandli.

3.3 Hawnhekk is-Sindku informa li wara li kien sar eżerċizzju ta' ġbir ta' kwotazzjonijiet għal *doggie bins*, irriżulta li b'*direct order* il-Kunsill jista' jkollu biss sa massimu ta' seba' reċipjenti. Għaldaqstant kien hemm qbil li għandha tinħareġ kwotazzjoni pubblika għal 20 *doggie bin*, u tiġi inkluża klawsola li dawn jistgħu jitnaqqsu fin-numru.

3.4 Is-Sindku ssuġġerixxa li din is-sena l-attività ta' Military Mtarfa għandha tittella' fil-pjazza ta' quddiem l-arloġġ minflok fl-Iskola Sekondarja. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jikkuntattja lill-esebituri u parteċipanti tas-soltu kif ukoll jinħarġu l-kwotazzjonijiet pubbliċi neċessarji biex tittella' din l-attività. Fuq suġġeriment tas-Sindku, kien hemm qbil li l-ftuħ tal-proġett tal-bosk isir ukoll dakinhar filgħodu sabiex nassiguraw li jżuruh aktar nies.

3.5 Hawnhekk wasal il-Kunsillier Mifsud. Il-ħin kien id-8:40pm.

3.6 Hawnhekk kien hemm qbil li l-laqgħa titwaqqaf temporanjament sabiex il-Kunsill jiltaqa' mal-kuntrattur Chris Gatt.

3.7 Il-laqgħa reġgħet bdiet fid-9:20pm.

3.8 Is-SE infurmat li kienu nġabu erba' kwotazzjonijiet mingħand kumpaniji stabbiliti sabiex il-Kunsill ikollu servizz ta' *photocopier* u *printer* fuq *network* sabiex jiffaċilita x-xogħol tal-amministrazzjoni. Hawnhekk kien hemm qbil li tinġab kwotazzjoni oħra u kemm-il darba tkun aktar, is-SE għandha tmexxi b'arranġament mal-inqas offerent, Strand Electronics.

3.9 Is-SE infurmat li kellha l-kwotazzjonijiet għall-pittisporum għall-*planter* ta' Triq Gregorio Caraffa. Kien hemm qbil li hi u l-Viċi Sindku għandhom imorru għand iż-

żewġ *suppliers* li kienu kwotaw l-aħjar prezzijiet biex jaraw liema għandhom jiġu ordnati.

3.10 Is-SE infurmat li kienet għaddiet kopja ta' ittra b'xi speċifikazzjonijiet biex tintbagħat lill-Green MT u lill-Green Pak fir-rigward tas-servizz tal-ġbir ta' skart riċiklabbli. Hija talbet lill-Kunsilliera biex min għandu xi suġġerimenti jgħaddihomlha.

3.11 Is-SE infurmat li kif kien ġie maqbul bejn kulħadd, kienet applikat għal €500 f'fondi biex jinxtara overhead projector u screen mill-fondi tal-iskema tal-għajnuna finanzjarja għall-korsijiet tal-Lifelong Learning.

3.12 Is-SE infurmat li kienet irċeviet talba mingħand l-IPSL sabiex il-Kunsill jindika lil wieħed mit-tliet ħaddiema ta' barra għaliex il-Kunsill seta' jżomm biss massimu ta' żewġ ħaddiema (*handymen*). Il-Kunsill qabel li għandu jżomm lil Victor Cilia u lil Andrew Bondin għaliex kienu l-iżgħar fiż-żmien u għaldaqstant is-Sur Joe Spiteri, li kien l-aktar wieħed anzjan, kien se jiġi mroddi lura lill-IPSL. Kien hemm qbil li għandu jsir token ta' ringrazzjament biex jingħata lis-Sur Spiteri għall-kontribut tiegħu lejn il-Kunsill.

3.13 Is-SE infurmat li kienet qed tgħaddi lment f'isem residenta li kienet kitbet lill-Kunsillier Fenech fejn talbet li l-X3 tgħaddi mill-Imtarfa minflok mill-Bypass. Il-Kunsill qabel li għandha tibgħat din it-talba lil TM għalkemm kull darba li ntbagħtet din it-talba s'issa dejjem kienet ġiet rifjutata, minħabba li dan huwa servizz dirett.

3.14 Is-SE infurmat li kienet irċeviet kommunikazzjoni mingħand l-Uffiċċju Elettorali dwar problema li kellhom xi residenti minn Binja Santa Luċija minħabba diżgwid fl-isem tat-triq. Il-Kunsill qabel li dawn ir-residenti għandhom jużaw Triq ir-Reġimenti Maltin minħabba li l-entratura tal-bibien tagħhom tagħti għal fuq parkeġġ li jagħti għal din l-istess triq. Is-SE se tieħu ħsieb tikteb lura lill-Uffiċċju Elettorali.

3.15 Is-SE infurmat li aktar kmieni dakinhar kienet irċeviet konferma minn TM li Triq Gregorio Caraffa kienet ġiet approvata biex issir fuq bażi ta' direzzjoni unika. Is-SE se tieħu ħsieb tinforma lir-residenti u tara li jitwaħħlu t-tabelli neċessarji.

3.16 Hawnhekk wasal il-Viċi Sindku. Il-ħin kien id-9:25pm.

3.17 Qamet diskussjoni dwar l-iskip li hemm fl-Iskola Sekondarja u li l-Kunsill kien għadu kif qabel li għandu jħallas €2 f'kull ġurnata, mill-ewwel ġurnata tas-servizz tal-kuntrattur Chris Gatt. Fuq suġġeriment tas-Sindku kien hemm qbil li s-SE għandha tikteb lill-Imtarfa FC biex jinfurmaw jekk huma jagħmlux użu minnha kif ukoll tikteb lill-Ministeru tal-Edukazzjoni biex nivverifikaw humiex lesti li jħallsu din il-miżata biex l-iskip tibqa' hemmhekk.

## 4. ĦLASIJIET U PAGAMENTI

4.1 Il-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuża, ġiet approvata u ffirmata.

## 5. ĠEMELLAĠĠ MAL-KUNSILL TA' PUMPHERSTON FI SKOZJA

5.1 Is-SE u s-Sindku infurmaw li kienu marru jagħmlu żjara qasira ġewwa Pumpherston kif maqbul mill-Kunsill fejn kien jidher li dan huwa villaġġ tassew gustuż u kkultivat tajjeb u li min-naħa tagħhom jemmnu li l-Kunsill għandu jimxi bl-applikazzjoni għall-ġemellaġġ. Huma infurmaw li bejniethom kienu għamlu numru ta' punti fuq x'hiex tista' ssir din l-applikazzjoni, fejn il-punti prinċipali kellhom ikunu: l-

importanza tal-isport fil-lokalità, l-istorja taż-żewġ lokalitajiet, ix-xewqa taż-żewġ lokalitajiet li jkollhom proġett ta' riġenerazzjoni, arti u kultura kif ukoll turiżmu.

5.2 Il-Kunsill qabel li ladarba hemm punti biżżejjed biex dan il-ġemellaġġ ikun ta' suċċess, il-Kunsill għandu jibgħat għall-approvazzjoni tiegħu. Is-SE infurmat li kienet se tieħu ħsieb tinforma lid-Dipartiment għalkemm qabel riedet tara x'se jkunu l-ispejjeż biex mal-applikazzjoni tintbagħat ukoll rendikont tagħhom kif mitlub.

5.3 Kien hemm qbil li possibbilment għandha ssir l-applikazzjoni mill-Kunsill biex kontinġent Skoċċiż iżur fl-2016 u mbagħad issir applikazzjoni min-naħa tagħhom biex il-kontinġent Malti jmur fl-2017.

5.4 Hawnhekk il-Kunsillier Mifsud skuża ruħu mil-laqgħa. Il-ħin kien l-10:00pm.

## 6. AĠĠUDIKAZZJONI TAL-OFFERTI U KWOTAZZJONI PUBBLIKA:

6.1 ***Supply and installation of Composite Bench:*** Is-SE infurmat li ma kien hemm ħadd li tefa' l-offerta tiegħu u minħabba li issa kien għadda ż-żmien, ma kienx possibbli loġistikament li terġa' tinħareġ. Għaldaqstant kien hemm qbil li dawn il-*composite benches* ma jsirux u minflok jiġu ordnati bankijiet simili għalli hemm diġà mingħand l-istess kuntrattur li rebaħ l-offerta tal-*garden furniture*.

6.2 ***Design, execute and install artistic sculpture:*** Is-SE infurmat li kien hemm offerent wieħed, Agius Stone Works, li tefa' offerta għal sun dial għall-prezz ta' €3994.30. Il-Kunsill qabel li għandu jaċċetta din l-offerta għalkemm possibbilment xtaq li jkun hemm xi tibdil żgħir fl-iskultura nniffisha. Is-SE għandha tivverifika ma' Agius Stone Works u filkaż li t-tibdil ma jistax isir, dan għandu jmexxi bid-disinn propost.

6.3 ***Supply and installation of Water Pump:*** Is-SE infurmat li ma kien hemm ebda offerta għall-pompa tal-ilma. Minħabba li din ma kinitx tinvolvi proċess twil biex tinxtara u titwaħħal, kien hemm qbil li s-SE għandha terġa' tagħmel avviż pubbliku mill-ġdid.

6.4 Dawn it-tliet kwotazzjonijiet jirrigwardjaw ix-xogħlijiet tal-bosk, liema spejjeż qed jitħallsu minn fondi tal-Unjoni Ewropea.

6.5 Hawnhekk is-Sindku u s-SE infurmaw li issa x-xogħlijiet kienu waslu fl-aħħar fażijiet. L-għamara kienet kollha f'postha ħlief għas-CCTV's minħabba li l-bosk kien għadu bla elettriku.

6.6 ***Supply and installation of Custom Carpentry (Reception Area):*** Is-SE infurmat li kien hemm offerent wieħed biss, Studio Moda, li tefa' offerta għal €3970.00. Kien hemm qbil li għandha tiġi aċċettata, fid-dawl ukoll li l-istess offerent kien diġà għamel xogħol ieħor simili fil-librerija u l-Kunsill kien sodisfatt bix-xogħol tiegħu.

## 7. KUNTRATT TA' ĠBIR TA' SKART / *SKIPS ON WHEELS*

7.1 Il-Kunsill reġa' ddiskuta l-kwistjoni tal-i*skip* żejda li sal-ġurnata ma kienx qed isir ħlas fuqha u li l-ammont għaliha kien tnaqqas mill-kontijiet li ġew preżentati mill-kuntrattur fil-laqgħa preċedenti.

7.2 Fid-dawl tad-diskussjoni li saret mal-kuntrattur, kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jaċċetta li jħallas €2 extra għal din l-i*skip* mill-bidu tal-kuntratt.

## 8. PUNTI OĦRA

8.1 Ma kienx hemm punti oħra għad-diskussjoni.

9. **AĠĠORNAMENT**

9.1 Il-laqgħa spiċċat fil-10:40pm. Il-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar l-Erbgħa 17 ta' Settembru 2015 fis-7:30pm.

**Josette Micallef**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Daniel John Attard**
**Sindku**